MALTA

# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA' INGUSTIZZJI

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tal-11 ta' Marzu, 2003

Rikors Numru. 18/1997/2

Salvo Zammit
vs
L-Onorevoli Prim Ministru, Ministru tal-Ambjent u b'digriet tas-17 ta' April, 2002 giet korretta ghal Ministru responsabbli ghar-Rizorsi u Infrastruttura bhala successur tal-istess u l-Awtorita` ta' l-Ippjanar

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995, huwa sofra ingustizzja f'li ma nghatax it-tigdid tal-permess tal-bini mill-Planning Area Permits Board minkejja li dan kien inhariglu (PB1141/87/2112/86) ghar-rigward ta' triq gdida off St. Mary Street, Marsalforn, Ghawdex u dan b'mod li nholqot ingustizzja mar-rikorrent.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor li gej:

1. Ir-rikorrent applika debitament ghall-imsemmi permess li nhariglu fit-18 ta’ Marzu 1987.

2. Huwa hallas ir-road contribution, u d-drainage contribution. Billi ma lahaqx bena fiz-zmien stipulat fil-permess, huwa applika ghat-tigdid tieghu izda dan gie ingustament rifjutat bla ma nghatat xi raguni valida fil-ligi ghal dan l-agir, u dan b’dannu kbir ghar-rikorrent.

Illi huwa kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda murija fl-elenku li jindika ghar-rigward ta’ kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent kien bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma’ u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta’ l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta’ Ingustizzji, u li jirrakomanda rimedju kompensattiv billi r-rikorrent jinghata l-hrug tal-imsemmi permess u fin-nuqqas jinghata kumpens ta’ hamest elef lira Maltija (Lm5000).

Ra l-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mir-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**
Ra r-risposta ta’ l-Awtorita` ta’ l-Ippjanar li eccepiet:

Illi r-rikorrent allega li saret ingustizzja fil-konfront tieghu mill-PAPB u dan billi skond l-istess rikorrent ma nghatax tigdid tal-permess tal-bini PB 1141/87/2112/86 mill-istess PAPB.

Illi fl-ewwel lok gie sottomess li skond l-Att numru I tal-1992 l-Awtorita` ta’ l-Ippjanar mhix is-successur tal-PAPB, hlief ghal dawk il-permessi li hargu mill-PAPB u kienu in vigore (ghal perjodu ta’ sentejn) meta spicca l-PAPB u bdiet tiffunzjona l-istess Awtorita` ta’ l-Ippjanar.

Illi fil-kaz odjern il-permess kien inhareg mill-PAPB fit-18 ta’ Marzu 1987 u kien validu ghal perjodu ta’ sena. Il-permess in kwistjoni kien skada sena wara. Sussegwentement kwazi tlett snin wara fl-20 ta’ Jannar

tal-1990 l-appellant kien rega' applika lill-PAPB u l-imsemmija applikazzjoni giet rifjutata.

Illi gie sottomess li l-PAPB kienet id-delegat tal-Ministru tal-Infrastruttura u li l-Awtorita` ta' l-Ippjanar mhix is-successur tal-PAPB. F'dan ir-rigward saret riferenza ghad-decizjoni tal-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet John Sammut vs L-Awtorita` ta' l-Ippjanar moghtija fit-12 ta' Dicembru 1996, fejn gie deciz li imenti kostituzzjonali ma jintlaqghux meta dawn ikunu saru fil-konfront ta' l-Awtorita` ta' l-Ippjanar minhabba l-agir tal-PAPB. F'dan il-kaz il-Qorti rriteniet bl-aktar mod car li l-Awtorita` ta' l-Ippjanar mhix is-successur tal-PAPB.

Illi fil-kaz in kwistjoni rrizulta li l-appellant kien inhariglu l-permess PB 1141/87/2112/86 fit-18 ta' Marzu 1987 liema permess kien validu ghal sena. Sussegwentement kwazi tlett snin wara cioe` fl-20 ta' Jannar 1990, l-appellant kien rega' applika fil-konfront ta' l-istess sit ghal permess. Irrizulta li fis-17 ta' Frar 1990 fuq l-imsemmi sit l-appellant ma kien ghamel l-ebda xogholijiet sa dik id-data u dan minkejja li l-permess PB1141/87/2112/86 kien inhariglu fit-18 ta' Marzu 1987.

Illi rrizulta li meta l-appellant gie biex japplika fl-20 ta' Jannar 1990, ix-xogholijiet proposti f'din l-applikazzjoni l-gdida da parti ta' l-appellant ma kenitx taqa' taht il-policy kurrenti li kienet tirregola l-permessi tal-bini kif approvata b'rizoluzzjoni tal-Parlament tat-12 ta' Ottubru 1988 skond l-Att Numru X ta' l-1988 dwar Permessi ghal Bini (Provvedimenti Temporanji).

Illi inoltre saret riferenza ghal diversi decizjonijiet ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fejn gie ritenut li ladarba permess ikun hareg, dan ma jfissirx li hemm xi dritt awtomatiku li ta' bilfors irid jinghata renewal tal-permess jew li ghandu jinghata permess mill-gdid fil-konfront ta' l-istess site. F'dan il-kuntest saret referenza b'mod partikolarment ghad-decizjoni fl-ismijiet Emanuel Muscat vs il-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp moghtija fl-21 ta' Mejju 1997 fejn fost hwejjeg ohra gie ritenut li fejn "...l-Permess li nhareg mill-PAPB lill-appellant ma giex utilizzat

minnu waqt li l-istess permess kien ghadu fis-sehh. La darba dak il-permess skada, l-appellant certament ma kellu ebda dritt kwezit li l-istess permess jigi mgedded taht il-ligi antecedenti".

Illi gie sottomess li l-Awtorita` ta' l-Ippjanar ma kellha bl-ebda mod x'taqsam mal-fatti allegati mir-rikorrent fil-perjodu msemmi mill-istess rikorrent u li ghalhekk l-istess Awtorita` ma kkommettiet l-ebda ingustizzja fil-konfront tar-rikorrent.

Ghaldaqstant l-awtorita` intimata talbet lit-Tribunal ma jilqax it-talba tar-rikorrent fil-konfront ta' l-Awtorita` ta' l-Ippjanar peress li l-istess ma ghamlet l-ebda ingustizzja u ghalhekk dan it-Tribunal ghandu jaqta' li l-ilment mhux gustifikat u subordinatament ma jirrikmandax li l-istess Awtorita` tohrog il-permess mitlub mir-rikorrent fil-konfront tal-bini in kwistjoni, li del resto llum ir-rikorrent ghad ghandu disponibbli l-fakolta` li jista' japplika ghal permess quddiem l-Awtorita` ta' l-Ippjanar liema permess jista' jinhareg, jekk ikun skond il-plans u policies tal-lum skond l-Att Numru I tal-1992.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrent.
Ra l-lista tax-xhieda tal-awtorita` intimata.

Ra r-risposta tal-Prim Ministru u tal-Ministru ta' l-Ambjent li eccepew:

Illi huma m'humiex il-legittimi kontraditturi ghall-ilment fit-termini ta' l-Artikolu 181B tal-Kap 12.

Ra l-lista ta' xhieda ta' l-intimati.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra

**PROVI:**
Xehed ir-rikorrent li qal li ma giex imgedded il-permess tieghu. Qal ukoll li hu qatt ma ghamel talba mal-Awtorita' tal-Ippjanar dwar il-kaz. Qal li ma jafx jaqra u ghalhekk l-ittri kienet taqrahom il-mara tieghu.

Vincent Gauci Agent Direttur tad-Dipartiment ghall-Harsien tal-Ambjent ipprezenta affidavit fejn qal li ghalkemm dan id-Dipartiment jaqa' taht il-Ministeru tal-Planning Authority, qatt ma kien involut direttament jew indirettament fl-ghoti tal-permess originali mill-PAPB jew min-nuqqas ta' l-ghoti ta' estensjoni tal-istess permess lil Salvo Zammit.

Bint ir-rikorrent Mary Anne Farrugia pprezentat affidavit fejn qalet li ma kienx hemm raguni ghaliex ma giex imgedded il-permess li kien inghata lil missierha. Iddiskriviet li s-sit in kwistjoni hu biswit area mibnija u fi triq ghadha mhux iffurmata. Qalet li fuq in-naha l-ohra tat-triq inghataw permessi tal-bini sal-gholi ta' hames sulari shah, u dan il-bini fuq in-naha l-ohra tat-triq gie kostruwit wara li gie rifjutat il-permess ghat-tigdid tal-permess ta' missierha. Qalet ukoll li l-art in kwistjoni kienet ilha f'zona tal-izvilupp sa mis-snin sittin. Ziedet tghid li missierha sofra danni kbar minhabba n-nuqqas ta' tigdid tal-permess. Hi spjegat li l-permess kien inhariglu l-ewwel darba izda mbaghad ma setax jibni fiz-zmien stipulat. Ghalhekk kien talab li jiggeddidlu l-permess u l-permess iggeddidlu ghal sentejn. Izda wara kienu gew infurmati li ma setghux ikomplu. Qalet li ma tiftakarx ezatt id-data meta kien inhareg il-permess, x'aktarx fl-1989. Qalet li ma bdewx jibnu mill-bidu u ghalhekk talbu renova tal-permess.

Xehed Andre Zammit Chairman tal-PAPB mill-1990 sal-1992. Hu qal li fl-1987 kien sar ezercizzju biex jara x'jista' jizbor mill-iskemi u kien inghata enfasi fl-izvilupp. L-ambjent jibqa' aktar 'free from development'. Dan kien gie ppublikat fl-ghasses kollha u kien inghata certu zmien biex isiru r-rapprezentazzjonijiet mill-pubbliku. Zied jghid li kienu saru diversi seduti biex janalizzaw dawn ir-rapprezentazzjonijiet. Wara dan kienu nhargu l-iskemi kif

gie deciz u l-permessi bdew johorgu skond it-Temporary Provision Scheme, li kienu hargu lejn l-ahhar tal-1988. Qal li fir-rigward ta' St Mary Street, l-art in kwistjoni li jaf vagament li kien hemm triq 'parallel' ma' dan it-triq, imma din ma baqghetx 'zone' u saret 'green' fuq decizjoni wara surveys li kienu saru. Ghaldaqstant kien gie deciz li m'hemmx bzonn li tittiehed iktar art ghall-izvilupp. Zied jghid li d-decizjoni li dik l-art ma kenitx ghall-bini ttiehdet fi Frar 1991.

Xehed Mark Cini rapprezentant tal-Awtorita' tal-Ippjanar li pprezenta dokumenti ta' l-ewwel applikazzjoni li kienet giet pprezentata mir-rikorrent. Il-Planning Area Permits Board kienet wara nfurmat lir-rikorrent li kellu jaghmel applikazzjoni gdida. Zied jghid li mbaghad din l-applikazzjoni giet michuda mill-PAPB fit-28 ta' Frar 1991. Qal li r-raguni tac-cahda tinsab fid-dokument stess, fejn intqal li l-bini propost imur kontra l-policy li tirregola l-permessi tal-bini, hekk kif approvata minn rizoluzzjoni tal-Parlament tat-12 ta' Ottubru 1988, u dan ai termini tat-Temporary Provisions tal-1988.

**KONKLUZJONIJIET:**

Hemm diversi punti li jridu jigu ezaminati. It-Tribunal sejjer l-ewwel jezamina l-eccezzjoni tal-Prim Ministru li mhuwiex il-legittimu kontradittur ghall-ilment fit-termini tal-Artikolu 181B tal-Kap 12. Infatti l-artikolu 181B tal-Kapitolu 12 jiddisponi li "Il-Gvern ghandu jkun rappresentat fl-atti u fl-azzjonijiet gudizzjarji mill-Kap tad-Dipartiment tal-Gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni." Ikkunsidra li certament l-Onorevoli Prim Ministru ma hux il-legittimu kontradittur ghax la hu l-kap tad-Dipartiment inkarigat fil-materja in kwistjoni u lanqas ma huwa b'xi mod successur jew responsabbli ghal dak li gara. [ara rikors 196/97 deciz fid-9 ta' Novembru, 1999 fl-ismijiet Mario Spiteri vs Dipartiment tax-Xogholijiet Pubblici; Joseph Grech vs Prim Ministru et 9/12/98, Eugenio Cutajar vs Ministru ghas-Sigurta' Socjali 9/3/99, u Joseph Farrugia vs Ministru tas-Sahha 28/10/99]. Dan huwa sufficjenti biex il-kawza tieqaf hawn fil-konfront tal-Prim Ministru u ghalhekk jilliberah mill-osservanza tal-gudizzju.

Sekondarjament l-Awtorita` tal-Ippjanar eccipiet li "Illi fl-ewwel gie sottomess li skond l-Att numru I tal-1992 l-Awtorita' ta' l-Ippjanar mhix is-successur tal-PAPB, hlief ghal dawk il-permessi li hargu mill-PAPB u kienu in vigore (ghal perjodu ta' sentejn) meta spicca l-PAPB u bdiet tiffunzjona l-istess Awtorita` ta' l-Ippjanar."

Dan il-punt gie ezaminat minn dan it-Tribunal fil-kors tal-kawza fl-ismijiet Emmanuel Mallia et vs Awtorita` tal-Ippjanar deciza fit-12 ta' Dicembru, 2000 fejn intqal:

"Illi ghalhekk biex it-Tribunal jasal fuq jekk hux gustifikata l-eccezzjoni preliminari tal-intimati bilfors ikollu jezamina jekk l-Awtorita' tal-Ippjanar hix is-successur tal-P.A.P.B. b' mod li tkun responsabbli hi ghall-agir tal-P.A.P.B. li fil-fehema tar-rikorrenti kienet tammonta ghal ingustizzja."

Fil-kawza deciza mill-Prim' Awla (Imhallef G. Caruana Demajo) fl-14 ta' Novembru 1997 fl-ismijiet Annunziato Mifsud vs Direttur tat-Toroq et intqal li:

"il-Bord ghall-permessi dwar area ta' Pjan Regolatur kien twaqqaf bl-Avviz Legali 10/1962, li kien inhareg taht l-Artikolu 19 tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija. Dan l-Artikolu, li thassar bl-Artikolu 63 tal-Att 1 tal-1992 dwar l-Ippjanar tal-Izvilupp (Att 1 tal-1992) kien jaghti lill-President (dak iz-zmien il-Gvernatur) ta' Malta is-setgha li jaghmel regolamenti inter alia:
(c)biex jaghtu s-setgha lill-Ministru responsabbli ghax-Xogholijiet Pubblici (dak iz-zmien is-Segretarju Principali) li jiddelega, lil dak l-Ufficjal, Korp jew Awtorita` u b' dak il-mod u sa fejn jista' jkun preskritt mir-regolamenti, kull wahda mis-setghat moghtija lilu…

Bl-Avviz Legali 10 tal-1962 is-Segretarju Principali nghata s-setgha li jiddelega s-setghat tieghu "lill-Korp maghruf bhala il-Bord ghall-Permessi dwar Area ta' Pjan Regolatur".
Il-Bord ghalhekk huwa d-delegat tal-Ministru responsabbli ghax-Xogholijiet Pubblici, u huwa dan il-Ministru li jwiegeb ghal dak li jaghmel il-Bord.

L-Awtorita` tal-Ippjanar twaqqfet bl-Artikolu 3 tal-Att tal-1992 dwar l-Ippjanar tal-Izvilupp; hija korp awtonomu u mhux delegat ta' xi awtorita` ohra. Ghalkemm huwa minnu li hadet xi setghat li qabel kienu tal-P.A.P.B., dawn is-setghat hadithom mhux ghax kompliet il-personalita` ta' dak il-Bord izda bis-sahha tad-dispozizzjonijiet ad hoc.

Il-konkluzjoni ghalhekk bil-fors tkun li jwiegeb ghal dak li ghamel jew naqas li jaghmel il-Bord ghall-Permessi dwar Area ta' Pjan Regolatur il-Ministru responsabbli ghax-Xogholijiet Pubblici, li tieghu il-Bord kien delegat, u mhux l-Awtorita` tal-Ippjanar."

Ukoll fil-kawza deciza mill-Prim' Awla (Imhallef G. Valenzia) (Rikors Kostituzzjonali) deciza fit-12 ta' Dicembru 1996 fl-ismijiet "John Sammut vs Awtorita' tal-Ippjanar" il-Qorti qalet:

"L-Att I tal-1992 jaghmel eccezzjoni ghal dan fis-sens li l-Artikolu 62 tal-Att jinghad li permess moghti mill-P.A.P.B. u li ghadu fis-sehh hekk kif jigi fis-sehh l-Att I tal-1992, jigi meqjus li jibqa' operativ ghall-perjodu u taht il-kundizzjonijiet li ghalih ikun hareg u tul dan iz-zmien jitqies li hu permess moghti mill-Awtorita`…

Illi mid-dokumenti esebiti jirrizulta li fil-fatt l-intimat mhux is-successur tal-P.A.P.B. u l-eccezzjoni msemmija ma tapplikax fil-kaz in ezami billi l-permess tal-14 ta' Awissu 1992 kien gie revokat. L-azzjoni tar-rikorrent ma kellhiex tigi proposta kontra l-intimat."

Illi dan it-Tribunal wara li ezamina l-Att dwar l-Awtorita' tal-Ippjanar ma jhossx li ghandu xi jbiddel mill-insenjament moghti f'dawn il-kawzi."

Dan ghalhekk jaghmilha cara li l-Awtorita' tal-Ippjanar mhix is-successur tal-PAPB u ghalhekk jilliberaha mill-osservanza tal-gudizzju.

Jibqa' li wiehed irid jezmina l-allegazzjonijiet tar-rikorrent flimkien mal-eccezzjonijiet tal-intimat Ministru tal-Ambjent ossija bid-digriet tas-17 ta' April 2002 Ministru

responsabbli ghar-Rizorsi u Infrastruttura bhala successur tal-istess. Minn ezami ta’ dak li ntqal hawn fuq irrizulta li jwiegeb ghal dak li ghamel jew naqas li jaghmel il-Bord ghall-Permessi dwar Area ta’ Pjan Regolatur il-Ministru responsabbli ghax-Xogholijiet Pubblici, li tieghu l-Bord kien delegat jew titoli ohra ta’ Ministeri li ssuccedew dwar responsabbilta` u cioe` Ministru tal-Ambjent u eventwalment Ministru tar-Rizorsi u Infrastruttura. Fil-kaz in ezami rrizulta li r-rikorrent kien gie moghti permess f’ Marzu 1987 biex jibni, u anke hallas ir-road contribution izda hu ma bena xejn u l-permess skada tant li rega’ applika ghat-tigdid tal-istess permess lill-P.A.P.B. liema permess gie rifjutat. Minn ezami tal-permess a fol 4 tal-process jinstab il-kliem “the P.A.P.B. permit is valid for one calendar year from the date of issue…”. Ghalhekk jirrizulta li r-rikorrent stess ma bbenefikax mill-permess li kien gie moghti lilu u ghal dan hadd m’ ghandu jwiegeb hlief hu nnifsu. Gara li fl-1990 nbidlu l-policies tal-bini kif fil-fatt jghid l-istess refusal li jsemmi r-Rizoluzzjoni tal-Kamra tar-Rapprezentanti tat-12 ta’ Ottubru 1988. Kien minhabba l-agir tar-rikorrent stess li ma bediex il-bini fl-1987 li wassal li meta rega’ applika l-policies dwar il-bini kienu lahqu tbiddlu u hadd ma jahti hlief l-istess rikorrent. Il-P.A.P.B. kellha kull dritt li fl-1990 timxi mal-policies li kienu sadanittant gew stabbiliti u ma saret ebda ingustizzja kontra r-rikorrent. Ghal dawn il-motivi jilqa’ l-eccezzjoni tal-intimat Ministru tal-Ambjent. Minhabba n-natura tal-kaz spejjez bla taxxa.

--------------------------------TMIEM--------------------------------